



30.8.2012

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1150/2011, imressqa minn Leovigildo Paton Selles, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar servizzi mhux adegwati pprovduti lill-urbanizzazzjoni ta' Les Mallaes, fil-muniċipalit  ta' Pedralba (Valencia)**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant, li jgħix f'żona urbana separata mill-qalba tal-muniċipalit , jilmenta li l-awtoritajiet lokali ma jipprovdux servizzi muniċipali adegwati għa -żona urbana, minkejja l-fatt li l-abitanti tagħha jħallsu t-taxxi muniċipali. Huwa speċifikament jikkundanna l-fatt li ma jsirx trattament tal-iskart, u jgħid li l-iskart jinħaraq f'mi bla u jirrilaxxa sustanzi tossiċi li jni ggsu l-arja ta -żona. Huwa jsemmi wkoll li l-a ċess għa -żona urbana, kif ukoll il-manutenzjoni tat-toroq tagħha, huma ta' kwalit  ħa ina u jirri ultaw fi  sarat kbar fl-infrastruttura u l-karozzi meta tagħmel ix-xita. Fl-a ħħar nett, il-petizzjonant jindika nuqqas ta' preżenza adegwata tal-pulizija.

### 2. Ammissibilit 

Iddikjarata ammissibbli fis-6 ta' Frar 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-20 ta' April 2012

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-allegazzjonijiet tal-petizzjonant dwar in-nuqqas ta' trattament tal-iskart muniċipali u l- ruq tal-iskart mormi fil-mi bla muniċipali li jikkawża tni gis fl-arja jistgħu jikkostitwixxu, jekk dawn ji u pruvati, ksur tal-legi lazzjoni tal-UE dwar l-iskart.

Attivitajiet ta' skart illegali bħal dawn ikunu jeħtieġu li ji u kkontrollati b'mod adegwat u effettiv mill-awtoritajiet kompetenti sabiex ti i żgurata konformit  mal-Artikoli 13 u 15 tad-

Direttiva Qafas dwar l-Iskart<sup>1</sup> rigward il-ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u r-responsabbiltà għall-immaniġġjar tal-iskart, rispettivament, it-tnejn trasposti fil-liġi Spanjola bil-Liġi 22/2011 tat-28 ta' Lulju u l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar it-Terraferma<sup>2</sup> rigward it-trattament tal-iskart qabel ir-rimi, traspost fil-liġi Spanjola bid-Digriet 1481/2001 tas-27 ta' Diċembru. Huwa primarjament f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali li jiżguraw l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet legali msemmija qabel.

### Konklużjoni

Fid-dawl tal-allegazzjonijiet ippreżentati mill-petizzjonant, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Spanjoli għal kjarifiki u se żżomm lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet infurmat dwar żviluppi ġodda.

#### **4. Risposta tal-Kummissjoni (REV), li waslet fit-30 ta' Awwissu 2012**

Dan il-każ ingħalaq mill-Kummissjoni abbażi tar-rapport li bagħtet il-Komunità Awtonoma ta' Valencia fit-18 ta' Mejju 2012. Ir-rapport jagħti l-informazzjoni li ġejja:

- l-operatur tal-miżbla għandu liċenzja valida maħruġa f'Ġunju 2010; madankollu, l-ebda attività operattiva għadha ma nbdiyet.

- l-ispezzjoni mwettqa f'Marzu 2012 mis-servizzi kompetenti bħala riżultat tal-petizzjoni ma turi la rimi tal-iskart u lanqas ħruq tal-iskart fis-sit (kif allegat mill-petizzjonant).

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2008/98 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, ĠU L 312, 22.11.2008.

<sup>2</sup> Id-Direttiva 1999/31/KE tal-Kunsill tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma, ĠU L 18, 16.7.1999.